MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1235/2003

**Emanuel u Antoinette konjugi Abela**

**Vs**

**Muhammed u Catherine konjugi Fluti**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat il-verbal tat-30 ta' April, 2004 fejn il-konvenuti talbu s-soprasessjoni ta' dina l-kawza sakemm tigi deciza l-kawza ntavolata mill-konvenut 243/04 GCD;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara li kull bini u tibdiliet strutturali li saru fuq il-bejt kommuni tal-blokk 119 Triq Sant Antnin, San Gwann, u li sar mill-konvenuti jew minn nies imqabbda minhhom huwa illegali.

Il-konvenut qed jitlob soprasessjoni ta' dina l-kawza ( li giet prezentata fil 18/11/2003) billi huwa pprezenta, wara dina l-kawza, kawza ohra (prezentata fil 6/4/2004) fejn qed jitlob lill Qorti li l-imsemmi bejt huwa komodament divizibbli bejn il-kontendenti, u ghalhekk il-Qorti ghandha taqsam dana l-bejt bejnithom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa talba ghas-soprasessjoni :

- meta hu spedjenti li taghmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73; )
- meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza ohra Vol XLVI p2 p 591;
- Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju. ;
- Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vol XL1 p1 p 507). Ara wkoll Cuschieri vs On.P.M. (Kostituzjonali 12/8/94)

Illi fil-kaz in ezami l-ezitu tal-kawza prezenti ma jiddependiex mill-ezitu tal-kawza l-ohra, u ghalhekk ma hemmx lok ghas-soprasessjoni ghax ma tezistix id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-

dipendenza mal-kawza l-ohra. Lanqas ma hu il-kaz li dina l-kawza tiddependi mill-kawza l-ohra ghas-soluzzjoni ta’ xi punt in kontestazzjonji ghall-kontinwazzjoni taghha. L-atturi jghidu li gew svesti illegalment mill-proprejta taghhom li huma jzommu n-kommun mal-konvenuti u ma haddiehor u ghandhom kull dritt li l-posizzjoni terga tigi represtinata ghall posizzjoni li kienet qabel ma l-konvenuti bdew jibnu strutturi godda bla kunsens taghhom. Id-decizjoni fil-kawza l-ohra mhux bil-fors ser tissanzjona dak li ghamlu l-konvenuti.

Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju. Fil-fatt l-atturi kienu pprezentaw il-kawza taghhom hames xhur qabel ma l-konvenuti ddecidew li jipprezentaw kawza ohra u m’ghandhomx issa l-atturi joqghodu jistennew li tigi appuntata l-kawza tal-konvenuti, u taghhom tieqaf sakemm tigi deciza dik l-kawza .

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba ghas-soprasessjoni
Spejjez ghall konvenuti
U tiddiferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni tal-provi ta’ l-atturi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------